MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 906/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurata tagħha Mary Mallia (ID. No. 504055 (M)) u l-istess Mary Mallia**
**Vs**
**Stephen Rizzo**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-25 ta’ April, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta’ Lm 226.49 (mitejn u sitta u għoxrin lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni sofferti f’inċident stradali nhar it-18 ta’ Ġunju, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Prevja li tiddikjara lill-konveut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana fit-18 ta’ Ġunju, 2003, li fiha kienu nvoluti il-vettura DAC 717 propjeta’ ta’ l-attriċi Mary Mallia, u l-vettura RIZ 777, misjuqa mill-konvenut, u dan stante li

l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta’ ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ mitejn u sitta u għoxrin lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm226.49) rappreżentanti danni sofferti u spejjeż inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bħala kaġun ta’ l-inċident premess.
Bl-ispejjeż inkużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali kontestwalment mibgħuta ma’ dan l-avviż a tenur tal-Kap. 104, bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ingħad illi:-

Ir-responsabbilita’ għall-inċident għandha taqa’ fuq is-sewwieq assikurat mis-soċjeta’ attriċi kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-punt ta' kontestazzjoni f'din il-kawża huwa f'liema mument okkorriet il-kolliżjoni. Ossia dak kif qed jiġi allegat mill-attriċi, ċioe li kienet għaddejja minn ħdejn il-vettura wieqfa tal-konvenut dan fetaħ il-bieba u laqatha. Jew kif ġie allegat mill-konvenut, waqt li fetaħ il-bieba u inklina ruħu fil-karozza, l-attriċi laqtitlu l-bieba.

Saret ċerta premura mill-konvenut illi l-attriċi kienet erronea fuq liema bieba intlaqat. Di fatti esebixxa ritratt, atti u dokumentazzjoni a fol. 41, 42, 44 u 45 sabiex jindika li l-bieba milquta' kienet ta' wara.

Dana rriżulta minn diżgwid li nqala' fix-xhieda ta' l-attriċi li din a fol. 33 fis-sens li "il-konvenut fetaħ il-bieba tan-naħa tiegħu tax-xufier u lili laqatni fil-"passenger seat" fuq quddiem. Hekk kif smajt il-ħoss jien waqaft." Għandu jiġi indikat illi meta l-attriċi stqarret li fetaħ il-bieba tiegħu tax-xufier, dana m'għandux jiġi indikat jew miftiehem li fetaħ il-

bieba tax-xufier iżda il-bieba ta' fejn ipoġġi x-xufier u allura fuq il-lemin.

Una volta li hemm kontestazzjoni ta' l-għaġir tal-konvenut u ma hemm l-ebda terza persuna li ġiet prodotta bħala xhud okulari, dan it-Tribunal kif kellu ġja okkażjonijiet oħra biex jindika, ikollu jirreferi fuq dak li dak li ntqal a tempo vergine mill-Pulizija Investigattiv iktar u iktar kombaċjat mal-prinċipju bażilari ta' okkorrenza ta' inċident taħt probabilita' milli taħt possibilita'.

Qisu l-Pulizija Investigattiv donnu kien jaf x'ser jiġri għax di fatti ġiet esebita ukoll il-primi noti li ħa dakinhar ta' l-inċident. Di fatti fil-primi noti a fol. 15 tal-proċess jirriżulta illi l-attriċi qalet testwalment “jiena kont ġejja minn Arrow Street għall-affari tiegħi u hu fetaħli l-bieba u smajt ħoss.”

Da parti tiegħu l-konvenut jgħid illi “ftaħt il-bieba biex inqiegħed il-basket tax-xogħol, u l-karozza l-oħra u ħadithieli”.

Fil-verżjoni Ngliża a fol. 12 tal-proċess jirriżulta illi “driver of vehicle RIZ-777 stated that he opened the door to place the basket in the car, when the other car hit his door.” Mentri l-attriċi qalet illi “driver of car number DAC-717 stated that he was driving along Triq l-Isqof Mauro Caruana and the other driver opened the door and hit her car”

M'huwiex kontestat miż-żewġ partijiet illi l-attriċi kienet miexja u l-vettura tal-konvenut kienet wieqfa, ipparkjata. Ġie stabbilit illi l-konvenut fetaħ il-bieba ta' wara u mhux ta’ quddiem tan-naħa tax-xufier. Pero' l-puncto interrogis huwa meta effettivament laqtitlu l-karozza attriċi. Lill-Pulizija dakinhar ta' l-inċident qallu li kif fetaħ il-bieba biex ipoġġi l-basket, il-karozza ta' l-attriċi ġiet minn warajh u laqtitlu l-bieba. Mentri f'seduta stante quddiem dan it-Tribunal huwa xehed illi ġja kif fetaħ il-bieba hu kien inklinat ġewwa biex iġib il-basket u allura l-bieba ġja kienet miftuħa.

Huwa ben risaput illi f'tali konfrontazzjoni t-Tribunal irid jirreferi għall-oneru ta' l-atturi li jrid jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabilita'. Rinfaċċjat biż-żewġ verżjonijiet tax-xufiera, ossia l-attriċi sostniet f'seduta stante l-verżjoni minnha mogħtija minnha lill-Pulizija dakinhar ta' l-inċident filwaqt illi l-konvenut bidel il-verżjoni tiegħu minn dakinhar ta' l-inċident għas-seduta stante.

Fiż-żewġ okkazzjonijiet il-konvenut kellu bil-fors jiftaħ il-bieba sia biex kif qal lill-Pulizija biex ipoġġi il-basket u sia biex kif qal lit-Tribunal biex iġib il-basket minn fuq is-seat tal-karozza. Fiż-żewġ okkażjonijiet il-bieba kellha bil-fors tkun miftuħa għax kieku l-karozza attriċi ma kenitx taħbat fiha.

It-triq fejn sar l-inċident hija dejqa kif anke konfermat miż-żewġ xufiera. Żewġ vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq ma tantx jibqa' spazju wisq f'nofs it-triq biex tgħaddi vettura. Aktar u aktar meta bieba tinfetaħ jew tkun ġja miftuħa fuq naħa wahda tat-triq u allura liberu passaġġ ikun ċirkostritt aktar.

Li rnhux kontestat huwa illi l-konvenut kien qed jinnavika mal-vettura tiegħu, ċioe ma ġiex allegat minnu li l-bieba kienet magħluqa. Biex il-vettura attriċi laqtet il-vettura konvenuta, bil-fors il-bieba infetħet.

Il-konvenut jallega illi meta fetaħ il-bieba ma kienux ġejjin karozzi minn warajh. Jista' jkun hekk ukoll, pero' biex il-vettura attriċi laqtet il-bieba bil-fors dina nfetħet f'angolu totali, u ostakolalha l-liberu passaġġ. U dan huwa konfermat mill-verżjoni minnu mogħtija mill-konvenut dakinhar ta' l- inċident. Huwa ferm inveru simili li bniedem lill-Pulizija dakinhar ta' l-inċident jagħti verżjoni mod u mbaghad f'seduta stante tiġi mogħtija verżjoni totalment opposta.

Għalhekk it-Tribunal qed jagħti affidabilita' lill-verżjoni mogħtija mill-attriċi.

Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u għalhekk qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u sitta u għoxrin lira u disgħa u erbgħin ċentezmu (Lm226.49) bl-ispejjeż u nteressi kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------